MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 3/2005

**Paul Cutajar**

**vs**

**Bugeja Marbles Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Gunju, 2005, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-28 ta' Mejju 2004 fejn ir-Rikorrenti talab danni ta' seba' mitt Lira Maltin (Lm700) rapprezentanti prezz ta' granit li twahhal fil-kcina u kien ta' kwalita nferjuri.

L-intimat ipprezenta Risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema’ x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema’ x-xhieda ta’ l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta ntimata, kif ukoll Carmen Saliba u Dr. Azzopardi (Marmologista) u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti ssottometta li wara li xtara l-granit u gie mqieghed hargu xi difetti fosthom li beda jixpakka, hargu xi kuluri u tbabar.

2. L-intimat issottometta li t-talba hija preskritta u li x-xoghol sar skond is-sena u l-arti u l-allegati difetti huma process naturali tal-granit.

3. It-Tribunal wara li sema’ lill-partijiet preliminarjament jichad it-talba tal-preskrizzjoni peress li l-kawza saret fiz-zmien. Barra minn hekk jinnota li l-versjoni tar-Rikorrenti hija aktar kredibbli.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa’ t-talba tar-Rikorrenti in parte u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta’ tliet mitt Lira Maltin (Lm300) bl-ispejjez kontra l-istess intimat.”

Is-socjeta` konvenuta tablet ir-revoka ta’ din is-sentenza ghaliex ma saretx il-prova teknika u lanqas l-access li t-Tribunal ivverbalizza li ser izomm ghal fini li jigi accertat jekk id-difett kienx dovut ghal kwalita` hazina tal-materjal jew kellux relazzjoni mal-process naturali tal-granit. Hi tilmenta li n-nuqqas ta’ zamma ta’ l-access gabilha ksur tal-principju tas-smigh xieraq stante li giet imcahhda minn verifika teknika tal-materja ghall-iskop tad-determinazzjoni tal-kawza tad-difett u allura wkoll tar-responsabilita`;

M’ hemmx kwestjoni illi minn ezami tas-sentenza appellata l-gudizzju tat-Tribunal hu bazat fuq il-formula sterjotipata rinvenuta fil-maggoranza tad-decizjonijiet tieghu illi “l-versjoni tar-rikorrenti hija aktar kredibbli”. Gudizzju dan attakkat mis-socjeta` appellanti fuq il-motiv illi c-cirkustanzi specjali tal-kaz kienu jirrikjedu ezami ta’ l-aspett tekniku tal-vertenza;

Fost l-attribuzzjonijiet moghtija lit-Tribunal tal-Konsumaturi bl-Att XXVIII ta’ l-1994 hemm, ghall-iskop tal-vertenza odjerna, is-segwenti disposizzjonijiet ta’ interess:-

(1) Li l-gudizzju tieghu ghandu jsir skond kull mertu u gustizzja sostantiva tal-kaz, u skond l-ekwita` - Artikolu 21 (1);

(2) Li l-Arbitru jista’ jitgharraf b’ kull mod li jidhirlu xieraq – Artikolu 23 (b);

(3) Fundamentalment, li l-Arbitru ghandu jiddezisti kemm jista’ jkun milli jqabbad periti teknici sabiex jaghtu l-parir espert taghhom – Artikolu 23 (c);

Minn dawn id-disposizzjonijiet u ohrajn traccjati fl-Artikolu 23 imsemmi huwa ferm evidenti illi l-volonta` tal-legislatur li ghamel il-ligi u kkreja t-Tribunal kienet dik li in linea generali l-kazijiet quddiemu jsiru bl-aktar mod sommarju u spedit, skarni minn formalita` procedurali zejda. Dan anke fir-rigward tal-motivazzjoni tad-decizjoni [subinciz (d)]. L-importanti li din tkun wahda kongruwa anke jekk mhux elaborata u, fuq kollox, bl-adoperu tal-gustizzja naturali u ta’ l-ekwita`;

Premess dan, logikament, kull kaz ghandu jigi investigat u deciz skond il-fattezzi partikolari tieghu, u allura fejn il-materja nvoluta tkun manifestament tindika lill-Arbitru li hu kellu jkun mghejjum minn konsulenza teknika huwa ma setax, u anzi ma kellux joqghod lura, fir-rispett ta’ dik l-istess gustizzja sostanzjali u l-ekwita` li ssemmi l-ligi, milli jinqeda b’ assistenza bhal din. In-norma tal-ligi saggament tuza l-espressjoni “<u>kemm jista’ jkun</u>” u dan

ifisser li l-perizja teknika hi rimessa ghall-inizzjattiva u l-valutazzjoni diskrezzjonali ta' l-Arbitru;

Kif taraha din il-Qorti, il-kaz in ispecje, kien kjarament indikattiv illi din il-konsulenza teknika kienet ghall-fattispeci mezz istruttorju effettiv li arbitru prudenti ma setax jinjora. Kellu jkun bil-wisq ovvju ghat-Tribunal illi taht il-profil tekniku-xjentifiku dik l-istess konsulenza kellha titqies bhala strument *sine qua non* tal-valutazzjoni ta' dak gja akkwizit fil-process, senjatament ix-xhieda ta' l-espert marmista prodott mis-socjeta` appellanti;

Jidher li t-Tribunal kien sa certu punt konxju minn dan in kwantu hu stess kien iddekreta li ser jordna access sabiex in segwitu jghaddi ghas-sentenza. Ara Verbal ta' l-24 ta' Frar 2005. B' danakollu hu stess imbaghad ma zammx dan l-access u qabad u ghadda ghas-sentenza minghajr l-accertament li seta' pprovdielu l-access. Fil-fatt, minn imkien fis-sentenza attakkata ma hemm minimu accenn ghall-access li hu stess kien indikah lill-kontendenti li kien behsiebu jzomm. Dan, fil-hsieb tal-Qorti, igib li d-decizjoni nghatat minghajr il-prova ta' l-access u li setghet forsi sservi ta' utilita` ahjar ghall-formazzjoni tal-konvinciment;

B' din l-ommissjoni, korrettement valjata, tidher li taghmel sens il-lanjanza tas-socjeta` appellanti illi kien hemm fil-konfront taghha vjolazzjoni tal-principji ta' gustizzja naturali, sostrat baziku tad-dritt ta' l-appell [Artikolu 22 (2)], u precizament tar-regola "*audi alteram partem*". Dan anke meta l-kwestjoni tigi, kif hekk giet superjorment, skrutinata fir-riflessjoni ta' dik il-htiega tal-konoxxenza teknika li l-kontroversja kienet timmerita;

Kif gja nghad, huwa ndubitat illi t-Tribunal ghandu funzjonijiet gudizzjarji pekuljari ghalih. Ciononostante, huwa ma jistax jinjora r-regola bazika ta' kull gudizzju illi l-prova trid tkun wahda pjena f' kull aspett tal-materja u li l-parti ghandha jkollha l-opportunita`, fejn il-kaz hekk jesigi,

tal-prova teknika-xjentifika prospettata minnha. Jekk xejn, biex fil-kontradittorju, tittanta tipparalizza l-addebitu tar-responsabilita` fil-konfront taghha.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi akkolt u ghalhekk il-Qorti qed thassar is-sentenza appellata tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi. Tiddifferixxi l-kawza ghall-20 ta' April 2006 ghall-fini tan-nomina ta' espert kwalifikat in materja u in segwitu ghat-trattazzjoni u decizjoni tal-mertu skond kif stabbilit bl-Artikolu 22 (2) ta' l-Att XXVIII ta' l-1994. L-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu rizervati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------